# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 352

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 57

7 ta' Ottubru 2014


Werrej


II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**

| | | |
|---|---|---|
| 2014/C 352/01 | Komunikazzjoni skond l-Artikolu 12(5)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92, dwar l-informazzjoni mogħtija mill-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri dwar il-klassifkazzjoni ta' merkanzija fin-nomenklatura doganali | 1 |
| 2014/C 352/02 | Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.7373 — Ortner/Strauss/UBM) (1) | 3 |
| 2014/C 352/03 | Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.7316 — Det Norske Oljeselskap/Marathon Oil Norge) (1) | 3 |

III *Atti preparatorji*

**Il-Bank Ċentrali Ewropew**

| | | |
|---|---|---|
| 2014/C 352/04 | Opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-25 ta' Lulju 2014 dwar proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri li jiżguraw livell għoli ta' sigurtà tan-networks u tal-informazzjoni madwar l-Unjoni (CON/2014/58) | 4 |


MT

(1) Test b'rilevanza għaż-ŻEE

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**


2014/C 352/05 Rata tal-kambju tal-euro ..................... 12

2014/C 352/06 Avviż dwar ir-regoli ta' oriġini applikabbli u s-sospensjoni temporanja fir-rigward tal-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra ..................... 13


---

V *Avviżi*

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA KUMMERĊJALI KOMUNI

**Il-Kummissjoni Ewropea**


2014/C 352/07 Avviż lill-operaturi ekonomiċi — Rawnd ġdid ta' talbiet għas-sospensjoni tad-dazji awtonomi tat-Tariffa Doganali Komuni fuq ċerti prodotti industrijali u agrikoli ..................... 14


PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

**Il-Kummissjoni Ewropea**


2014/C 352/08 Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.7423 — VINCI/Imtech ICT) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata (1) ..................... 15

2014/C 352/09 Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.7333 — Alitalia / Etihad) (1) ..................... 16


ATTI OĦRAJN

**Il-Kummissjoni Ewropea**


2014/C 352/10 Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ..... 17


(1) Test b'rilevanza għaż-ŻEE

II

*(Komunikazzjonijiet)*

# KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Komunikazzjoni skond l-Artikolu 12(5)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92, dwar l-informazzjoni mogħtija mill-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri dwar il-klassifkazzjoni ta' merkanzija fin-nomenklatura doganali

(2014/C 352/01)

Informazzjoni Tariffarja Obbligatorja ma tibqax valida minn dan il-jum jekk issir inkompatibbli ma' l-interpretazzjoni tan-nomenklatura doganali bħala riżultat tal-miżuri tariffarji internazzjonali li ġejjin:

Emendi tan-Noti ta' Spjegazzjoni tas-Sistema Armonizzata u l-Kompendju ta' Opinjonijiet dwar il-Klassifikazzjoni, approvati mill-Kunsill tal-Kooperazzjoni Doganali (dok CCC NC2004 – rapport tas-53 Sessjoni tal-Kumitat HS):

**EMENDI TAN-NOTI TA' SPJEGAZZJONI LI JRIDU JSIRU SKOND IL-PROĊEDURA TA' L-ARTIKOLU 8 TAL-KONVENZJONI HS U L-OPINJONIJIET DWAR IL-KLASSIFIKAZZJONI EDITJATI MILL-KUMITAT HS TA' L-ORGANIZZAZZJONI DINJIJA DOGANALI**

(IT-53 SESSJONI TAL-HSC – MARZU 2014)

DOK. NC2004

### Emendi tan-Noti ta' Spjegazzjoni tan-Nomenklatura fl-anness tal-Konvenzjoni HS

| | |
|---|---|
| Kapitli 3, 5 u 16 | O/10 |
| 07.12 | O/1 |
| Kapitlu 29 | O/8 |
| 28.33 | O/30 |
| 29.34 | O/9 |
| 30.02 | O/7 |

### Opinjonijiet dwar il-Klassifikazzjoni approvati mill-Kumitat HS

| | |
|---|---|
| 1902.30/1 | O/12 |
| 2005.80/1 | O/13 |
| 2008.99/3 | O/14 |
| 2106.90/29 | O/15 |
| 3824.90/20 | O/16 |
| 3913.90/1 | O/17 |
| 4303.90/1 | O/18 |
| 5402.20/1 | O/19 |
| 6204.62/1 | O/20 |
| 6206.30/1 | O/21 |

| | |
|---|---|
| 6214.90/2 | O/22 |
| 8473.30/3 | O/23 |
| 8517.70/1 | O/24 |
| 8517.70/2 | O/25 |
| 8537.10/2 | O/26 |
| 8543.70/6-7 | O/27 |
| 9018.39/1 | O/11 |
| 9403.20/2 | O/28 |
| 9705.00/1-3 | O/29 |

Informazzjoni dwar il-kontenut ta' dawn il-miżuri tista' tinkiseb mid-Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali tal-Kummissjoni Ewropea (rue de la Loi/Wetstraat 200, 1049 Brussell, il-Belġju) jew tista' titniżżel mis-sit ta' l-internet tad-Direttorat-Ġenerali:

http://ec.europa.eu/comm/taxation_customs/customs/customs_duties/tariff_aspects/harmonised_system/index_en.htm

## Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

### (Il-Każ M.7373 — Ortner/Strauss/UBM)

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2014/C 352/02)

Fit-30 ta' Settembru 2014, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]). It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss bil-Ġermaniż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— Fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt) dokument li jġib in-numru 32014M7373. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-Internet għal-liġi Ewropea.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

## Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

### (Il-Każ M.7316 — Det Norske Oljeselskap/Marathon Oil Norge)

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2014/C 352/03)

Fl-10 ta' Settembru 2014, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]). It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss bl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— Fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt) fid-dokument li jġib in-numru 32014M7316. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-Internet għal-liġi Ewropea.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

III

*(Atti preparatorji)*

# IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## OPINJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

**tal-25 ta' Lulju 2014**

**dwar proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri li jiżguraw livell għoli ta' sigurtà tan-netwerks u tal-informazzjoni madwar l-Unjoni**

**(CON/2014/58)**

(2014/C 352/04)

**Introduzzjoni u bażi legali**

Fis-7 ta' Frar, il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat proposta għal direttiva li tikkonċerna miżuri li jiżguraw livell għoli ta' sigurtà tan-netwerks u tal-informazzjoni madwar l-Unjoni ([1]) (minn hawn 'il quddiem id-"direttiva proposta")

Il- Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) iddeċieda li jagħti opinjoni fuq inizjattiva tiegħu stess dwar id-direttiva proposta, peress illi huwa ma kienx ġie kkonsultat formalment mil-leġislaturi Il-kompetenza tal-BĊE biex jagħti opinjoni hija bbażata fuq l-Artikoli 127(4) u 282(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea billi d-direttiva proposta fiha dispożizzjonijiet li jaffettwaw il-kompitu tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali (SEBĊ) li tippromwovi l-operat bla xkiel tas-sistemi ta' pagament, kif imsemmi fir-raba' inċiż tal-Artikolu 127(2) tat-Trattat. Barra minn dan, l-Artikolu 22 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew (minn hawn 'il quddiem "l-Istatut tas-SEBĊ") jistipula illi l- BĊE u l-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) jistgħu jipprovdu faċilitajiet, u l-BĊE jista' jagħmel regolamenti, biex jiżgura sistemi ta' ikklerjar (ta' cekkijiet) u ta' pagament fi ħdan l-Unjoni u ma' pajjiżi oħrajn. Skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 17.5 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew, il-Kunsill Governattiv adotta din l-opinjoni.

### 1. Skop tad-direttiva proposta

1.1 Id-d-direttiva proposta għandha l-għan li tiżgura livell għoli ta' sigurtà tan-netwerks u tal-informazzjoni (network and information security - NIS) billi ttejjeb is-sigurtà tal-internet u tan-netwerk u s-sistemi tal-informazzjoni li jsostnu s-soċjetà tagħna u l-ekonomija. Din il-proposta hija l-azzjoni prinċipali tal-Istrateġija tas-Sigurtà Ċibernetika Ewropea ([2]).

1.2 Is-sistemi ta' netwerks u tal-informazzjoni għandhom rwol essenzjali fl-iffaċilitar tal-moviment transkonfinali tal-oġġetti, is-servizzi u l-persuni. Minħabba din id-dimensjoni transnazzjonali intrinsika, tfixkil fi Stat Membru wieħed jista' jaffettwa wkoll lil Stati Membri oħrajn u lill-Unjoni kollha. Barra minn dan, il-probabilità li inċidenti sejrin iseħħu ta' spiss u l-inabilità biex tiġi żgurata protezzjoni effettiva jimminaw il-fiduċja pubblika u l-kunfidenza fin-NIS. Ir-reżiljenza u l-istabbiltà tal-NIS huma għaldaqstant kruċjali għall-funzjonament bla xkiel tas-suq intern.

1.3 Id-direttiva proposta tibni fuq inizjattivi preċedenti f'dan il-qasam ([3]). F'dan l-isfond, id-direttiva proposta tirrikonoxxi l-ħtieġa biex regoli dwar l-NIS jiġu armonizzati u biex jinħolqu mekkaniżmi ta' kooperazzjoni effettivi bejn l-Istati Membri.

---

([1]) COM(2013) 48 finali.

([2]) Ara l-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regjuni, "Strateġija Ċibernetika tal-Unjoni Ewropea". "Ċiberspazju Miftuħ, Sigur u Sikur", JOIN(2013) 1 final.

([3]) Dawn jinkludu l-komunikazzjonijiet li ġejjin: "Sigurtà tan-Netwerks u tal-Informazzjoni: Proposta għall-Approċċ ta' Politika Ewropew" COM(2001) 298 finali: "Strateġija għal Soċjetà tal-Informazzjoni Sigura: 'Djalogu, sħubija u awtorizzazzjoni'" COM(2006) 251 finali; "Il-Ħarsien tal-Infrastruttura Kritika ta' Informazzjoni - 'Il-protezzjoni tal-Ewropa mill-attakki ċibernetiċi u t-tfixkil fuq skala kbira: titjib fit-tħejjija, is-sigurtà u r-reżistenza'", COM(2009) 149 finali; "Aġenda Diġitali għall-Ewropa" COM(2010) 245 finali; u "Il-Ħarsien tal-Infrastruttura Kritika ta' Informazzjoni - 'Kisbiet u l-passi li jmiss: lejn ċibersigurtà kriminali'" COM(2011) 163 finali.

1.4 Id-direttiva proposta tistabbilixxi qafas legali komuni tal-Unjoni għall-NIS fir-rigward tal-kapaċitajiet tal-Istati Membri, mekkaniżmi għal kooperazzjoni fil-livell tal-Unjoni u rekwiżiti għall-amministrazzjoniiet pubbliċi u ukoll għal entitajiet fis-settur privat f'setturi kritiċi speċifiċi. Dan għandu jiżgura preparazzjoni adegwata fil-livell nazzjonali u għandu jgħin biex irawwem klima ta' fiduċja reċiproka, li hija prekondizzjoni għal kooperazzjoni effettiva fil-livell tal-Unjoni. IL-istabbiliment ta' mekkaniżmi għall-kooperazzjoni fil-livell tal-UE permezz tan-netwerk ser iwassal għal mezz koerenti u kkoordinat ta' prevenzjoni u ta' rispons għal inċidenti u r-riskji transkonfinali tal-NIS.

1.5 Id-dispożizzjonijiet ewlenin jikkonċernaw dan li ġej:

(a) rekwiżit li l-Istati Membri kollha jkollhom livell minimu ta' kapaċitajiet nazzjonali billi jistabbilixxu awtoritajiet kompetenti għall-NIS, iwaqqfu Timijiet ta' Rispons għal Emerġenza tal-Kompjuters (Computer Emergency Response Teams - CERTs), u jadottaw strateġiji nazzjonali għall-NIS u pjanijiet ta' kooperazzjoni nazzjonali għall-NIS;

(b) il-ħtieġa għal qsim ta' informazzjoni bejn Stati Membri fi ħdan netwerk, kif ukoll il-ħolqien ta' pjan ta' kooperazzjoni pan-Ewropew tan-NIS u twissijiet bikrin ikkoordinati għal inċidenti taċ-ċibersigurtà;

(c) abbażi tal-mudell tad-Direttiva 2002/21/KE. tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1], jiżguraw li tiżviluppa kultura ta' ġestjoni tar-riskju u li l-informazzjoni tinqasam bejn is-settur privat u dak pubbliku. Kumpaniji fis-setturi kritiċi speċifiċi u l-amministrazzjonijiet pubbliċi ser ikunu meħtieġa jivvalutaw ir-riskji li jiffaċċjaw u jadottaw miżuri xierqa u proporzjonati sabiex jiżguraw l-NIS. Huma ser ikunu wkoll meħtieġa jirrapportaw lill-awtoritajiet kompetenti kull inċident li jikkomprometti serjament is-sistemi tan-netwerks u tal-informazzjoni tagħhom u li jaffettwaw b'mod sostanzjali l-kontinwità tas-servizzi kruċjali u l-forniment tal-oġġetti.

## 2. **Osservazzjonijiet ġenerali**

2.1 Il-BĊE jappoġġa l-għan tad-direttiva proposta li jiġi żgurat livell għoli komuni ta' NIS fl-Unjoni u li tinkiseb konsistenza fl-approċċ f'dan il-qasam fis-setturi tan-negozju u fl-Istati Membri. Huwa importanti li jiġi żgurat li s-suq intern huwa post sikur biex isir in-negozju u li l-Istati Membri kollha jkollhom livell minimu ta' preparatezza f'każ ta' inċident ta' ċibersigurtà.

2.2 Madankollu il-BĊE jikkunsidra illi d-direttiva proposta għandha tkun mingħajr preġudizzju għar-reġim eżistenti għas-sorveljanza ta' sistemi ta' pagament u saldu mill-Eurosistema [2], li jinkludi arranġamenti xierqa, fost oħrajn, fil-qasam tal-NIS. Ghandu jiġi nnutat illi l-BĊE għandu interess partikolari f'sigurtà msaħħa fis-sistemi ta' pagament u saldu [3] sabiex jippromwovi l-operat bla xkiel tas-sistemi ta' pagament u jgħin biex tinżamm il-kunfidenza fl-euro u fil-funzjonament tal-ekonomija fl-Unjoni.

2.3 Barra minn hekk, l-evalwazzjoni ta' arranġamenti ta' sigurtà u notifiki ta' inċidenti għal sistemi ta' pagament u saldu u għal fornituri ta' servizzi ta pagament (PSPs) hija waħda mill-kompetenzi ewlenin ta' superviżuri prudenzjali u banek ċentrali. Ir-responsabbiltà għall-iżvilupp ta' rekwiżiti ta' sorveljanza fl-oqsma fuq imsemmija għandhom għalhekk jibqgħu ma' dawn l-awtoritajiet, u s-sistemi ta' pagament u saldu m'għandhomx ikunu suġġetti għal rekwiżiti potenzjalment kunfliġġenti imposti minn awtoritajiet nazzjonali oħrajn.. Barra minn dan, il-ġestjoni tar-riskju, inkluż ir-rekwiżiti ta' sigurtà fir-rigward ta' sistemi ta' pagament u saldu u infrastrutturi oħra tas-suq fi ħdan iż-żona tal-euro, hija stabbilita mill-Eurosistema, inkluż il-BĊE u l-BĊNi minn dawk l-Istati Membri li adottaw l-euro. Permezz ta' din il-funzjoni ta' sorveljanza, l-Eurosistema timmira li tiżgura l-funzjonament mingħajr xkiel tas-sistemi ta' pagament u saldu billi tapplika, fost oħrajn, standards ta' sorveljanza xierqa u rekwiżiti minimi. Id-direttiva proposta għandha tikkunsidra l-qafas ta' sorveljanza diġà fis-seħħ u tiżgura konsistenza regolatorja fl-Unjoni.

## 3. **Osservazzjonijiet speċifiċi**

3.1 Il-premessa 5 u l-Artikolu 1 tad-direttiva proposta jistipulaw illi l-obbligi relevanti, il-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni u r-rekwiżiti tas-sigurtà għandhom japplikaw għall-amministrazzjonijiet pubbliċi u l-operaturi kollha tas-suq. Il-kliem preżenti tal-premessa 5 u l-Artikolu 1 ma jikkunsidrawx il-mandat tal-Eurosistema, inkluż fit-Trattat, biex tissorvelja sistemi ta' pagament u saldu. Id-direttiva proposta għandha għalhekk tiġi emendata biex tirrifletti sew ir-responsabilitajiet tal-Eurosistema f'dan il-qasam.

---

[1] Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar kwadru regolatorju komuni għan-networks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi (ĠU L 108, 24.4.2002, p. 33).

[2] Il-funzjonijiet ta' sorveljanza ta' xi membri tas-SEBĊ jitwettqu abbażi ta' liġijiet u regolamenti nazzjonali, li jikkumplimentaw, u f'xi każijiet jidduplikaw, il-kompetenza tal-Eurosistema.

[3] It-terminu "saldu" kif użat f'din l-opinjoni jinkludi l-funzjoni tal-ikklerjar.

3.2 L-arranġamenti u l-proċeduri għall-banek ċentrali u awtoritajiet kompetenti oħrajn biex jissorveljaw is-sistemi ta' pagament u saldu ta' titoli jinsabu f'numru ta' direttivi u regolamenti tal-Unjoni inkluż, b'mod partikolari:

(a) id-Direttiva 98/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (minn hawn 'il quddiem "id-Direttiva tal-Finalità tas-Saldu") ([1]), li tagħti d-dritt lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri biex jimponu arranġamenti superviżorji fuq sistemi ta' pagament u saldu li jinsabu fil-ġurisdizzjoni tagħhom ([2]);

(b) ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) (minn hawn 'il quddiem "ir-Regolament dwar l-Infrastruttura tas-Suq Ewropew" (EMIR), li jagħraf ir-rwoli tal-Awtorità Ewropea għat-Titoli u s-Swieq (AETS), tal-Awtorità Bankarja Ewropea (ABE) u tas-SEBĊ fl-iffissar ta' standards regolatorji u s-superviżjoni ta' kontropartijiet ċentrali; u

(c) il-proposta għal Regolament dwar it-tijib tas-saldu ta' titoli fl-Unjoni Ewropea u dwar depożitorji ċentrali tat-titoli (CSDs) u li temenda d-Direttiva 98/26/KE ([4]) (minn hawn 'il quddiem ir-"Regolament CSD" (CSDR)), li tenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti li għandhom jiġu mogħtija setgħat superviżorji u investigattivi, u b'mod partikolari l-Artikolu 45 ta' dak ir-regolament, li jintroduċi rekwiżiti prudenzjali għas-CSDs, inkluż dispożizzjonijiet importanti dwar it-tnaqqis tar-riskju operattiv.

3.3 Barra minn hekk, għandu jiġi nnutat illi, fit-3 ta' Ġunju 2013, il-Kunsill Governattiv tal-BĊE adotta l-"Prinċipji għal infrastrutturi tas-suq finanzjarju", introdotti f'April 2012 mill-Kumitat dwar is-Sistemi ta Pagament u Saldu (CPSS) tal-Bank għall-Ħlasijiet Internazzjonali u l-Kumitat Tekniku tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kummissjonijiet tat-Titoli (International Organization of Securities Commissions - IOSCO) ([5]), għat-twettiq tas-sorveljanza tal-Eurosistema fir-rigward tat-tipi kollha ta' infrastrutturi tas-suq finanzjarju. Dan ġie segwit minn konsultazzjoni pubblika dwar abbozz ta' regolament dwar ir-rekwiżiti tas-sorveljanza għal sistemi ta' pagament sistemikament importanti (minn hawn 'il quddiem ir-"Regolament SIPS") ([6]). Ir-Regolament SIPS jimplimenta l-prinċipji tas-CPSS-IOSCO b'mod legalment vinkolanti u jkopri kemm is-sistemi ta' pagament b'valur għoli kif ukoll sistemi ta' pagament tal-konsumatur ta' importanza sistemika, kemm jekk imħaddmin minn BCNi tal-Eurosistema kif ukoll minn entitajiet privati.

3.4 L-arranġamenti eżistenti tas-sorveljanza ([7]) fir-rigward ta' sistemi ta' pagament u PSPs diġà fihom proċeduri għal twissijiet bikrin ([8]) u tweġibiet ikkoordinati ([9]) fi ħdan u lil hinn mill-Eurosistema biex jiġu affrontati theddidiet possibbli għaċ-ċibersigurtà, li huma ekwivalenti għal dawk stipulati fl-Artikoli 10 u 11 tad-direttiva proposta.

3.5 Is-SEBĊ stabbilixxa standards li jirrigwardaw l-obbligi tar-rapportar u tal-ġestjoni tar-riskju għal sistemi ta' pagament. Barra minn dan, il-BĊE regolarment jevalwa sistemi ta' ħlas ta' titoli sabiex jiddetermina l-eliġibbiltà tagħhom għall-użu f'operazzjoniiet ta' kreditu tal-Eurosistema. Għaldaqstant, il-BĊE jqis illi huwa neċessarju illi r-rekwiżiti fid-direttiva proposta li jeffettwaw l-infrastrutturi kritiċi tas-suq u l-operaturi tagħhom ([10]) ma jippreġudikawx l-istandards fir-Regolament SIPS, il-qafas tal-politika tas-sorveljanza tal-Eurosistema jew regolamenti oħra tal-Unjoni, u b'mod partikolari l-EMIR u s-CSDR futura. Barra minn dan, huma m'għandhomx ixxekklu l-kompiti tal-ABE jew tal-AETS u ta' superviżuri prudenzjali oħrajn ([11]).

([1]) Direttiva 98/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 1998 dwar il-finalità tal-ħlas f'sistemi ta' saldu ta' pagamenti u s-sistemi ta' ħlas ta' titoli (ĠU L 166, 11.6.1998, p. 45).

([2]) Ara t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 10(1) tad-Direttiva tal-Finalità tas-Saldu.

([3]) ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1).

([4]) COM(2012) 73 finali.

([5]) Disponibbli fuq il-websajt tal-Bank għall-Ħlasijiet Internazzjonali fuq https://www.bis.org/publ/cpss94.pdf

([6]) Disponibbli fil-websajt tal-BĊE fuq www.ecb.europa.eu

([7]) Ara l-istqarrija għall-istampa tal-BĊE li tirrigwarda l-Memorandum ta' Ftehim (MoU) dwar prinċipji ta' kooperazzjoni fuq livell għoli bejn is-superviżuri bankarji u l-banek ċentrali tal-Unjoni Ewropea f'sitwazzjonijiet ta' ġestjoni ta' kriżi (2003), disponibbli fuq il-websajt tal-BĊE fuq www.ecb.europa.eu

([8]) Ara r-Rakkomandazzjoni 3: monitoraġġ u rapportar ta' inċidenti f' "Rakkomandazzjonijiet għas-sigurtà ta' pagamenti bl-internet - verżjoni finali wara l-konsultazzjoni pubblika", Il-Forum Ewropew dwar is-Sigurtà ta' Pagamenti bl-Imnut (SecuRe Pay), Jannar 2013, disponibbli fuq il-websajt tal-BĊE fuq www.ecb.europa.eu

([9]) Abbażi tal-prinċipji tas-sorveljanza internazzjonali ta' kooperazzjoni, kif imtenni mir-rapport ta' sorveljanza tas-CPSS tal-2005, il-banek ċentrali tal-Eurosistema pparteċipaw b'suċċess f'arranġamenti għas-sorveljanza għal SWIFT (is-Soċjetà għat-Telekomunikazzjoni Finanzjarja Interbankarja Dinjija) u għal Continuous Linked Settlement (CLS).

([10]) Pereżempju, ir-rekwiżiti biex operaturi tas-suq josservaw miżuri tekniċi u organizzattivi fl-Artikoli 14(3) u (4) u s-setgħa biex joħorġu struzzjonijiet vinkolanti lil operaturi tas-suq fl-Artikolu 15(3) tad-direttiva proposta.

([11]) Ara l-paragrafu 2.12 tal-Opinjoni CON/2014/9 dwar proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-servizzi ta' ħlas fis-suq intern u li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2013/36/UE u 2009/110/KE u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE (ĠU C 224, 15.7.2014, p.1). L-opinjonijiet kollha tal-BCE huma ppubblikati fil-websajt tal-BĊE fuq www.ecb.europa.eu

3.6 Minkejja dak imsemmi aktar 'il fuq, il-BĊE jqis illi hemm każ b'saħħtu biex l-Eurosistema taqsam informazzjoni relevanti mal-Kumitat tal-NIS li għandu jitwaqqaf bis-saħħa tal-Artikolu 19 tad-direttiva proposta. Għall-finijiet tal-qsim ta' informazzjoni effettiv li jista jkun neċesarju, il-BĊE, l-ABE u l-AETS għandhom jiġu mistiedna jibgħatu lil rappreżentanti għal laqgħat tal-Kumitat tal-NIS għal suġġetti fl-aġenda li jistgħu jkunu ta' interess għat-twettiq tal-mandati rispettivi tagħhom.

Magħmul fi Frankfurt am Main, il-25 ta' Lulju 2014.

*Il-President tal-BĊE*

Mario DRAGHI

*ANNESS*

**Proposti għall-abbozzar**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emendi proposti mill-BĊE [1] |
|---|---|

***Emenda 1***

Premessa 5

| | |
|---|---|
| "(5) Biex tkopri l-inċidenti u r-riskji rilevanti kollha, din id-Direttiva għandha tapplika għal kull sistema tan-netwerks u tal-informazzjoni. L-obbligi fuq l-amministrazzjonijiet pubbliċi u l-operaturi tas-suq madankollu ma għandhomx japplikaw għall-impriżi li jipprovdu netwerks ta' komunikazzjoni pubbliċi jew servizzi ta' komunikazzjoni elettroniċi disponibbli pubblikament skont it-tifsira tad-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar qafas regolatorju komuni għan-netwerks u s-servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Id-Direttiva Qafas) [2], li huma soġġetti għar-rekwiżiti speċifiċi ta' sigurtà u integrità stabbiliti fl-Artikolu 13a ta' dik id-Direttiva u lanqas m'għandhom japplikaw għall-fornituri li jipprovdu servizz ta' fiduċja." | "(5) Biex tkopri l-inċidenti u r-riskji rilevanti kollha, din id-Direttiva għandha tapplika għal kull sistema tan-netwerks u tal-informazzjoni. L-obbligi fuq l-amministrazzjonijiet pubbliċi u l-operaturi tas-suq madankollu m'għandhomx japplikaw għall-impriżi li jipprovdu netwerks pubbliċi ta' komunikazzjoni jew servizzi ta' komunikazzjoni elettronika disponibbli pubblikament fit-tifsira tad-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar qafas regolatorju komuni għan-netwerks u s-servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Id-Direttiva tal-Qafas) [2], li huma soġġetti għar-rekwiżiti speċifiċi ta' sigurtà u integrità stabbiliti fl-Artikolu 13a ta' dik id-Direttiva u lanqas m'għandhom japplikaw għall-fornituri li jipprovdu servizz ta' fiduċja. **Barra minn dan, minkejja l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva għal amministrazzjonijiet pubbliċi u operaturi tas-suq, din id-Direttiva ma teffettwax il-kompiti u d-dmirijiet mogħtija lis-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali (SEBĊ) mit-Trattat u l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Centrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, jew il-funzjonijiet ekwivalenti mwettqa minn membri tas-SEBĊ taħt l-oqfsa nazzjonali tagħhom, speċjalment fir-rigward ta' politiki li jirrigwardaw is-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u s-sorveljanza ta' sistemi ta' pagament u saldu ta' titoli. L-Istati Membri għandhom jistrieħu fuq il-funzjonijiet ta' superviżjoni prudenzjali u ta' sorveljanza eżerċitati mill-banek ċentrali u s-superviżuri ta' dawn l-operaturi fi ħdan l-oqsma ta' kompetenza tagħhom.**" |

*Spjegazzjoni*

*Il-premessa 5 għandha tiġi emendata sabiex tirrifletti r-responsabbiltajiet tal-BĊE u tal-BĊNi fis-sorveljanza u r-regolamentazzjoni ta' sistemi ta' pagament u ta' saldu. Bi-saħħa tar-raba' inċiż tal-Artikolu 127(2) tat-Trattat, wieħed mill-kompiti ewlenin tas-SEBĊ huwa l-promozzjoni tal-operat bla xkiel ta' sistemi ta' pagament. L-Artikolu 22 tal-Istatut tas-SEBĊ jagħti wkoll is-setgħa lill-BĊE biex jagħmel regolamenti biex jiżgura sistemi ta' pagament u ta' kklerjar effiċjenti. Għandu jiġi kkunsidrat ukoll illi, skont l-Artikolu 127(5) tat-Trattat, is-SEBĊ għandha tikkontribwixxi għat-tmexxija bla xkiel ta' politiki relatati mal-istabbiltà tas-sistema finanzjarja. Barra minn dan, skont il-Qafas tal-Politika tas-Sorveljanza tal-Eurosistema ta' Lulju 2011* [2]*, is-sorveljanza ta' sistemi ta' pagament u saldu hija funzjoni tal-bank ċentrali fejn l-għanijiet tas-sigurtà u l-effiċjenza jitmexxew 'il quddiem billi jimmonitorja sistemi eżistenti u ppjanati, jevalwahom kontra dawn l-għanijiet u, fejn neċessarju, jinstiga t-tibdil'.*

*Fi kliem ieħor, l-assigurazzjoni li s-sistemi huma siguri u effiċjenti hija prekundizzjoni importanti għall-abilità tal-Eurosistema li tikkontribwixxi għall-istabbiltà finanzjarja, biex timplimenta l-politika monetarja u biex iżżomm il-kunfidenza pubblika fl-euro.*

*Barra minn dan, fuq l-istess linja tal-kummenti tal-BĊE dwar ir-reviżjoni proposta tad-direttiva dwar is-servizzi ta' pagament (PSD2), għandu jiġi nnutat ilili s-superviżuri nazzjonali u l-banek ċentrali huma l-awtoritajiet kompetenti biex joħorġu linji gwida dwar il-ġestjoni ta' inċidenti u n-notifiki ta' inċidenti għal PSPs, kif ukoll biex joħorġu linji gwida dwar il-qsim ta' notifiki ta' inċidenti bejn l-awtoritajiet relevanti. Il-premessa għandha tqis ukoll il-kompiti kkonferiti fuq il-BĊE mir-Regolament (UE) Nru 1024/2013.*

| Test propost mill-Kummissjoni | Emendi proposti mill-BĊE [1] |
|---|---|

*Finalment, meta membri tas-SEBĊ li mhumiex miż-żona tal-euro jwettqu funzjonijiet ekwivalenti għal dawk tal-kompiti tat-Trattat u tal-Istatut tas-SEBĊ, skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali tagħhom, dawk il-funzjonijiet ukoll m'għandhomx jiġu effettwati.*

***Emenda 2***

Artikolu 1(4) u (5) (ġodda)

| Test propost mill-Kummissjoni | Emendi proposti mill-BĊE |
|---|---|
| "4. Din id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għal-liġijiet tal-UE dwar il-kriminalità ċibernetika u d-Direttiva tal-Kunsill 2008/114/KE tat-8 ta' Diċembru 2008 dwar l-identifikazzjoni u l-indikazzjoni ta' infrastrutturi kruċjali Ewropej u l-valutazzjoni tal-ħtieġa li tittejjeb il-protezzjoni tagħhom [9] | "4. Din id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għal-liġijiet tal-U~~E~~**njoni** dwar il-kriminalità ċibernetika u d-Direttiva tal-Kunsill 2008/114/KE tat-8 ta' Diċembru 2008 dwar l-identifikazzjoni u l-indikazzjoni ta' infrastrutturi kruċjali Ewropej u l-valutazzjoni tal-ħtieġa li tittejjeb il-protezzjoni tagħhom [9]. |
| 5. Din id-Direttiva għandha wkoll tkun mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta [10], u għad-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-dejta personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika u r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta [11]. | **5. Din id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għas-sorveljanza u l-kompiti kkonferiti fuq il-BĊE u s-SEBĊ fir-rigward tal-politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, u sistemi ta' pagament u saldu, li għalihom ġew stabbiliti rekwiżiti speċifiċi għall-ġestjoni tar-riskju u għas-sigurtà fi ħdan il-qafas regolatorju tas-SEBĊ u dak ta' direttivi u regolamenti oħrajn tal-Unjoni relatati. Bl-istess mod din id-Direttiva ma għandhiex tippreġudika funzjonijiet ekwivalenti mwettqin minn membri tas-SEBĊ skont l-oqfsa nazzjonali tagħhom.** |
| 6. Il-qsim tal-informazzjoni fi ħdan in-netwerk ta' kooperazzjoni taħt il-Kapitolu III u n-notifiki tal-inċidenti tal-NIS taħt l-Artikolu 14 jistgħu jkunu jeħtieġu l-ipproċessar ta' dejta personali. Tali pproċessar, li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-interess pubbliku segwiti minn din id-Direttiva, għandu jkun awtorizzat mill-Istat Membru skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva 95/46/KE u d-Direttiva 2002/58/KE, kif implimentat fil-liġi nazzjonali." | ~~5~~**6.** Din id-Direttiva għandha wkoll tkun mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta [10], u għad-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-dejta personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika u r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta [11]. |
| | ~~6~~**7.** Il-qsim tal-informazzjoni fi ħdan in-netwerk ta' kooperazzjoni taħt il-Kapitolu III u n-notifiki tal-inċidenti tal-NIS taħt l-Artikolu 14 jistgħu jkunu jeħtieġu l-ipproċessar ta' dejta personali. Tali pproċessar, li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-interess pubbliku segwiti minn din id-Direttiva, għandu jkun awtorizzat mill-Istat Membru skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva 95/46/KE u d-Direttiva 2002/58/KE, kif implimentat fil-liġi nazzjonali." |

*Spjegazzjoni*

*Kif innutat aktar 'il fuq, is-SEBĊ għandu interess qawwi biex jiżgura illi s-sistemi ta' pagament u saldu jiffunzjonaw sew. Dan joħroġ mill-importanza ta' sistemi ta' pagament, ikklerjar u saldu għat-tmexxija mingħajr xkiel ta' operazzjonijiet ta' politika monetarja u mir-rwol li għandhom biex tiġi żgurata l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja ġenerali. Għaldaqstant, il-BĊE jirrakkomanda illi d-direttiva proposta tinnota r-rwol tas-SEBĊ fir-rigward tas-sistemi ta' pagament u ħlas u l-qafas tas-sorveljanza diġà fis-seħħ. Is-SEBĊ diġà għandha għodod effettivi ħafna biex jiġu ddeterminati l-livelli ta' sigurtà u effiċjenza ta' dawn is-sistemi. Il-premessa għandha tikkunsidra wkoll il-kompiti kkonferiti fuq il-BĊE mir-Regolament (UE) Nru 1024/2013.*

*Id-direttiva proposta għandha wkoll ma tippreġudikax funzjonijiet ekwivalenti mwettqa minn membri tas-SEBĊ li mhumiex fiż-żona tal-euro skont l-oqfsa nazzjonali tagħhom.*

| Test propost mill-Kummissjoni | Emendi proposti mill-BĊE [1] |
|---|---|

***Emenda 3***

Artikolu 6(1)

| | |
|---|---|
| "1. Kull Stat Membru għandu jaħtar awtorità nazzjonali kompetenti dwar is-sigurtà tas-sistemi tan-netwerks u tal-informazzjoni (l-'awtorità kompetenti')." | "1. Kull Stat Membru għandu jaħtar awtorità nazzjonali kompetenti dwar is-sigurtà tas-sistemi tan-netwerks u tal-informazzjoni (l-'awtorità kompetenti').<br>**Għandha tiġi stabbilita kooperazzjoni effettiva bejn l-awtorità kompetenti u r-regolaturi nazzjonali u Ewropej.**" |

*Spjegazzjoni*

*Il-BĊE jirrakkomanda illi l-Artikolu 6(1) jiġi emendat sabiex jiżgura livell tajjeb ta' kooperazzjoni filk-livell tal-Unjoni.*

***Emenda 4***

Artikolu 8(3)

| | |
|---|---|
| "3. Fi ħdan in-netwerk ta' kooperazzjoni l-awtoritajiet kompetenti għandhom: | "3. Fi ħdan in-netwerk ta' kooperazzjoni l-awtoritajiet kompetenti għandhom: |
| (a) (a) jiċċirkolaw twissijiet bikrin dwar riskji u inċidenti skont l-Artikolu 10; | (a) jiċċirkolaw twissijiet bikrin dwar riskji u inċidenti skont l-Artikolu 10; |
| (b) (b) jiżguraw rispons ikkoordinat skont l-Artikolu 11; | (b) jiżguraw rispons ikkoordinat skont l-Artikolu 11; |
| (c) jippubblikaw fuq bażi regolari informazzjoni mhux kunfidenzjali dwar twissijiet bikrija li jkunu għaddejjin u rispons ikkoordinat fuq websajt komuni; | (c) jippubblikaw fuq bażi regolari informazzjoni mhux kunfidenzjali dwar twissijiet bikrija li jkunu għaddejjin u rispons koordinat fuq sit elettroniku komuni; |
| (d) jiddiskutu u jivvalutaw b'mod konġunt, fuq talba ta' Stat Membru jew tal-Kummissjoni, strateġija nazzjonali waħda jew aktar dwar il-NIS u dwar pjanijiet ta' kooperazzjoni nazzjonali tal-NIS imsemmija fl-Artikolu 5, fl-ambitu ta' din id-Direttiva. | (d) jiddiskutu u jivvalutaw b'mod konġunt, fuq talba ta' Stat Membru jew tal-Kummissjoni, strateġija nazzjonali waħda jew aktar dwar il-NIS u dwar pjanijiet ta' kooperazzjoni nazzjonali tal-NIS imsemmija fl-Artikolu 5, fl-ambitu ta' din id-Direttiva~~.~~**;** |
| (e) jiddiskutu u jivvalutaw b'mod konġunt, fuq talba ta' Stat Membru jew tal-Kummissjoni, l-effettività tas-CERTs, b'mod partikolari meta l-eżerċizzji tal-NIS jitwettqu fil-livell tal-Unjoni; | (e) jiddiskutu u jivvalutaw b'mod konġunt, fuq talba ta' Stat Membru jew tal-Kummissjoni, l-effettività tas-CERTs, b'mod partikolari meta l-eżerċizzji tal-NIS jitwettqu fil-livell tal-Unjoni; |
| (f) jikkooperaw u jiskambjaw informazzjoni dwar il-kwistjonijiet rilevanti kollha maċ-Ċentru Ewropew tal-Kriminalità Ċibernetika fi ħdan il-Europol, u ma' korpi Ewropej oħrajn rilevanti b'mod partikolari fl-oqsma tal-protezzjoni tad-dejta, tal-enerġija, tat-trasport, tal-banek, tal-boroż u tas-saħħa; | (f) jikkooperaw u jiskambjaw informazzjoni dwar il-kwistjonijiet rilevanti kollha maċ-Ċentru Ewropew tal-Kriminalità Ċibernetika fi ħdan il-Europol, u ma' korpi Ewropej oħrajn rilevanti b'mod partikolari fl-oqsma tal-protezzjoni tad-dejta, tal-enerġija, tat-trasport, tal-banek, tal-boroż u tas-saħħa; |
| (g) jiskambjaw informazzjoni u l-aħjar prassi bejniethom u mal-Kummissjoni, u jassistu lil xulxin fil-bini tal-kapaċità dwar il-NIS; | (g) jiskambjaw informazzjoni u l-aħjar prassi bejniethom u mal-Kummissjoni, u jassistu lil xulxin fil-bini tal-kapaċità dwar il-NIS; |
| (h) jorganizzaw analiżi inter pares regolari dwar il-kapaċitajiet u t-tħejjija; | (h) jorganizzaw analiżi inter pares regolari dwar il-kapaċitajiet u t-tħejjija; |

| Test propost mill-Kummissjoni | Emendi proposti mill-BĊE (¹) |
|---|---|
| (i) jorganizzaw eżerċizzji tal-NIS fil-livell tal-Unjoni u jipparteċipaw, kif xieraq, f'eżerċizzji internazzjonali tal-NIS." | (i) jorganizzaw eżerċizzji tal-NIS fil-livell tal-Unjoni u jipparteċipaw, kif xieraq, f'eżerċizzji internazzjonali tal-NIS.**;**<br><br>**(j) jiżguraw l-iskambju ta' informazzjoni ma' regolaturi nazzjonali u Ewropej (jiġifieri għas-settur finanzjarju: is-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ), l-Awtorità Bankarja Ewropea (ABE) u l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (AETS), li għandhom jaħdmu flimkien mill-qrib meta jiġu identifikati inċidenti tas-sigurtà li jistgħu potenzjalment jimpedixxu l-funzjonament bla xkiel ta' sistemi ta' pagament u saldu).**" |

*Spjegazzjoni*

*Hemm każ b'saħħtu għall-qsim ta' informazzjoni mal-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Networks u l-Informazzjoni jew ma' awtoritajiet kompetenti skont id-direttiva proposta, u mal-ABE jew l-AETS bħala l-awtorità kompetenti għall-koordinazzjoni ta' inċidenti relatati ma' PSPs.*

*Għaldaqstant, il-BĊE jipproponi din l-emenda bil-ħsieb li jitrawwem il-qsim tal-informazzjoni u koordinazzjoni aħjar fil-livell tal-Unjoni.*

***Emenda 5***

Artikolu 19(1)

| | |
|---|---|
| "1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat (il-Kumitat għas-Sigurtà tan-Netwerks u tal-Informazzjoni). Dak il-kumitat għandu jkunu kumitat fit-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011." | "1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat (il-Kumitat għas-Sigurtà tan-Netwerks u tal-Informazzjoni). Dak il-kumitat għandu jkunu kumitat fit-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.<br><br>**Il-BĊE, l-ABE u l-AETS għandhom jiġu mistiedna jibagħtu rappreżentant għal-laqgħat tal-Kumitat tas-Sigurtà tan-Netwerk u tal-Informazzjoni dwar suġġetti fl-aġenda li jista' jkollhom implikazzjonijit fuq il-prestazzjoni tal-mandati rispettivi tal-BĊE, l-ABE jew l-AETS.**" |

*Spjegazzjoni*

*Il-BĊE għandu interess personali fit-tisħiħ tas-sigurtà fis-sistemi ta' pagament u saldu, fis-servizzi u fl-istrumenti bħala komponent importanti għaż-żamma tal-kunfidenza fil-munita unika u l-funzjonament bla xkiel tal-ekonomija fl-Unjoni. Għal dan il-għan, il-BĊE jirrakkomanda illi huwa għandu jkun mistieden għal laqgħat tal-Kumitat tan-NIS. Fi kwalunkwe każ, il-BĊE ser ikollu jiġi kkonsultat formalment skont it-Trattat fuq kwalunkwe miżura bħal din li tirrigwarda s-sistemi ta' pagament, u kwalunkwe kwistjoni oħra li taqa' fl-oqsma ta' kompetenza tal-BĊE.*

*L-ABE jew l-AETS għandhom jiġu involuti wkoll fi kwistjonijiet marbutin mal-PSPs.*

(¹) It-tipa skura fil-korp tat-test jindika fejn il-BĊE jipproponi li jiddaħħal test ġdid. L-ingassar fil-korp tat-test jindika fejn il-BĊE jipproponi t-tħassir ta' test.
(²) Disponibbli fuq is-sit elettroniku tal-BĊE fuq www.ecb.europa.eu

IV

*(Informazzjoni)*

# INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Rata tal-kambju tal-euro (1)
## Is-6 ta' Ottubru 2014

(2014/C 352/05)

**1 euro =**

| | Munita | Rata tal-kambju | | Munita | Rata tal-kambju |
|---|---|---|---|---|---|
| USD | Dollaru Amerikan | 1,2565 | CAD | Dollaru Kanadiż | 1,4078 |
| JPY | Yen Ġappuniż | 137,25 | HKD | Dollaru ta' Hong Kong | 9,7465 |
| DKK | Krona Daniża | 7,4439 | NZD | Dollaru tan-New Zealand | 1,6104 |
| GBP | Lira Sterlina | 0,78575 | SGD | Dollaru tas-Singapor | 1,6054 |
| SEK | Krona Żvediża | 9,0773 | KRW | Won tal-Korea t'Isfel | 1 341,07 |
| CHF | Frank Żvizzeru | 1,2120 | ZAR | Rand ta' l-Afrika t'Isfel | 14,1403 |
| ISK | Krona Iżlandiża | | CNY | Yuan ren-min-bi Ċiniż | 7,7149 |
| NOK | Krona Norveġiża | 8,1575 | HRK | Kuna Kroata | 7,6415 |
| BGN | Lev Bulgaru | 1,9558 | IDR | Rupiah Indoneżjan | 15 316,16 |
| CZK | Krona Ċeka | 27,481 | MYR | Ringgit Malażjan | 4,0996 |
| HUF | Forint Ungeriż | 308,27 | PHP | Peso Filippin | 56,276 |
| LTL | Litas Litwan | 3,4528 | RUB | Rouble Russu | 50,0375 |
| PLN | Zloty Pollakk | 4,1844 | THB | Baht Tajlandiż | 40,986 |
| RON | Leu Rumen | 4,4090 | BRL | Real Brażiljan | 3,0014 |
| TRY | Lira Turka | 2,8588 | MXN | Peso Messikan | 16,8044 |
| AUD | Dollaru Awstraljan | 1,4381 | INR | Rupi Indjan | 77,2500 |

(1) *Sors*: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

**Avviż dwar ir-regoli ta' oriġini applikabbli u s-sospensjoni temporanja fir-rigward tal-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra**

(2014/C 352/06)

L-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Fiġi nnotifikaw it-tkomplija tal-proċeduri meħtieġa tal-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra skont l-Artikolu 76(2) ta' dak il-Ftehim ([1]).

Konsegwentement il-Ftehim japplika provviżorjament mit-28 ta' Lulju 2014 bejn l-Unjoni Ewopea u r-Repubblika ta' Fiġi. Minn din id-data, b'konfromità mal-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1528/2007 ([2]), il-Protokoll I tal-Ftehim dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti li joriġinaw" jieħu post id-dispożizzjonijiet fl-Anness II ta' dak ir-Regolament.

Mill-istess data, b'konformità mal-Artikolu 5(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1528/2007, il-proċeduri ta' sospensjoni temporanja stabbiliti fil-paragrafi minn 2 sa 4 tal-Artikolu 5 tar-Regolament jiġu sostitwiti b'dawk fl-Artikolu 17 tal-Ftehim.

---

([1]) ĠU L 272, 16.10.2009, p. 2.
([2]) ĠU L 348, 31.12.2007, p. 1.

V

*(Avviżi)*

# PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA KUMMERĊJALI KOMUNI

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Avviż lill-operaturi ekonomiċi — Rawnd ġdid ta' talbiet għas-sospensjoni tad-dazji awtonomi tat-Tariffa Doganali Komuni fuq ċerti prodotti industrijali u agrikoli

(2014/C 352/07)

L-operaturi ekonomiċi huma infurmati li l-Kummissjoni rċeviet talbiet skont l-arranġamenti amministrattivi previsti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni rigward is-sospensjonijiet u l-kwoti tariffarji awtonomi (2011/C 363/02) ([1]) għar-rawnd ta' Lulju tal-2015.

Il-lista tal-prodotti li għalihom qed tintalab sospensjoni tat-tariffa issa hija disponibbli fuq il-websajt tematika dwar l-unjoni doganali tal-Kummissjoni (Europa) ([2]).

L-operaturi ekonomiċi huma infurmati wkoll li l-iskadenza għall-oġġezzjonijiet kontra t-talbiet ġodda għandhom jaslu għand il-Kummissjoni, permezz tal-amministrazzjonijiet nazzjonali, hija l-16 ta' Diċembru 2014, li hija d-data tat-tieni laqgħa skedata tal-Grupp dwar il-Kwistjonijiet ta' Ekonomija Tariffarja

Dawk l-operaturi interessati huma avżati biex jikkonsultaw il-lista b'mod regolari sabiex ikollhom informazzjoni dwar kif tkun is-sitwazzjoni fejn jidħlu t-talbiet.

Aktar informazzjoni dwar il-proċedura ta' sospensjonijiet tat-tariffi awtonomi tinstab fuq il-websajt Europa:

http://ec.europa.eu/taxation_customs/customs/customs_duties/tariff_aspects/suspensions/index_en.htm

([1]) ĠU C 363, 13.12.2011, p. 6.

([2]) http://ec.europa.eu/taxation_customs/dds2/susp/susp_home.jsp?Lang=mt

# PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Il-Każ M.7423 — VINCI/Imtech ICT)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2014/C 352/08)

1. Fit-30 ta' Settembru 2014, il-Kummissjoni Ewropea rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1] li permezz tagħha l-impriża Vinci Energies SA, li tappartjeni lill-grupp Vinci ("Vinci Group", Franza) takkwista skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll tal-impriża Imtech ICT Group kollha kemm hi ("Imtech ICT", il-Pajjiżi l-Baxxi) permezz tax-xiri ta' ishma u assi.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal Vinci Group: servizzi tal-enerġija u l-IT, bini, xogħlijiet pubbliċi u inġinerija ċivili, konċessjonijiet u infrastrutturi, xogħlijiet fit-toroq,

— għal Imtech ICT: provvista ta' servizzi tal-IT.

3. Wara analiżi preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [2] ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtu lilha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-faks (+32 22964301), permezz tal-email lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew permezz tal-posta, bin-numru ta' referenza M.7423 — VINCI/Imtech ICT, fl-indirizz li ġej:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

(1) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
(2) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

**Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Il-Każ M.7333 — Alitalia / Etihad)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2014/C 352/09)

1. Fid-29 ta' Settembru 2014, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]) li permezz tagħha l-impriża Alitalia Compagnia Aerea Italiana SpA ("Alitalia", l-Italja) u Etihad Airways PJSC ("Etihad", l-Emirati Għarab Magħquda) jakkwistaw skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt ta' New Alitalia (l-Italja), joint venture inkorporata ġdida li se tirċievi n-negozju operatorju tal-Alitalia bħala negozju avvjat, permezz ta' xiri ta' ishma. Bħala parti mill-istess tranżazzjoni, Etihad se takkwista l-kontroll waħdieni tal-Alitalia Loyalty SpA ("Alitalia Loyalty"), sussidjarja tal-Alitalia attiva fil-maniġment tal-programm ta' klijenti regolari tal-Alitalia minn New Alitalia.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għall-Alitalia: Alitalia hija l-kumpanija tal-ajru nazzjonali tal-Italja attiva fit-trasport bl-ajru kemm domestiku u kemm internazzjonali;

— għall-Alitalia Loyalty: Alitalia Loyalty hija entità legali separata ddedikata kollha kemm għall-operazzjoni u l-iżvilupp tal-programm ta' klijenti leali tal-Alitalia msejjaħ "MilleMiglia Programme"; kif ukoll

— għal Etihad: Etihad hija l-kumpanija tal-ajru nazzjonali ta' Abu Dhabi attiva fit-trasport tal-ajru internazzjonali.

3. Wara analiżi preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtu lilha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-faks (+32 22964301), permezz tal-email lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew permezz tal-posta, bin-numru ta' referenza M.7333 — Alitalia / Etihad, fl-indirizz li ġej:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

# ATTI OĦRAJN

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel**

(2014/C 352/10)

Din il-pubblikazzjoni tagħti d-dritt għall-oġġezzjoni għall-applikazzjoni, skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

APPLIKAZZJONI GĦAL EMENDA

**REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 510/2006**

**dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel** ([2])

**APPLIKAZZJONI GĦAL EMENDA SKONT L-ARTIKOLU 9**

**"FASOLA PIĘKNY JAŚ Z DOLINY DUNAJCA"/"FASOLA Z DOLINY DUNAJCA"**

**Nru tal-KE: PL-DPO-0105-01189 – 19.12.2013**

**IĠP ( ) DPO ( X )**

1. **Intestaturi fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott affettwati mill-emendi**

— ☐ Isem il-prodott

— ☒ Deskrizzjoni tal-prodott

— ☐ Żona ġeografika

— ☐ Prova tal-oriġini

— ☒ Metodu ta' produzzjoni

— ☐ Rabta maż-żona ġeografika

— ☐ Tikkettar

— ☐ Rekwiżiti nazzjonali

— ☐ Oħrajn [għandhom jiġu speċifikati]

2. **Tip ta' emenda(i)**

— ☒ Emenda ta' dokument uniku jew skeda sommarja

— ☐ Emenda ta' speċifikazzjoni ta' DPO jew IĠP reġistrata li għaliha ma ġew ippubblikati la d-dokument uniku u lanqas l-iskeda sommarja

— ☐ Emenda ta' speċifikazzjoni li ma teħtieġ l-ebda emenda tad-dokument uniku ppubblikat (l-Artikolu 9(3) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006)

— ☐ Emenda temporanja ta' speċifikazzjoni b'riżultat ta' impożizzjoni ta' miżuri sanitarji jew fitosanitarji obbligatorji mill-awtoritajiet pubbliċi (l-Artikolu 9(4) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006)

([1]) ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.
([2]) ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12. Sostitwit bir-Regolament (UE) Nru 1151/2012.

3. **Emenda(i)**

Il-valur tal-massa ta' 1 000 żerriegħa ġie emendat. Il-massa ta' 1 000 żerriegħa li tvarja minn 1 100 sa 1 500 g indikata taħt il-punt 3.2 (Deskrizzjoni tal-prodott) hija żball klerikali ovvju. Iż-żrieragħ kbar huma waħda mill-karatteristiċi distintivi ewlenin tal-"fasola Piękny Jaś z Doliny Dunajca"/"fasola z Doliny Dunajca", u l-massa attwali ta' 1 000 żerriegħa tvarja minn 2 000 sa 2 800 g. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, is-sentenza li ġejja ġiet miżjuda mal-punt 3.2: "Il-fażola hija fost l-akbar mill-ispeċi *Phaseolus multiflorus*, jew *Phaseolus coccineus*". Dik is-sentenza hija argument addizzjonali favur il-ħtieġa li tiġi emendata l-massa ta' 1 000 żerriegħa tal-"fasola Piękny Jaś z Doliny Dunajca"/"fasola z Doliny Dunajca".

L-użu tal-pjanti komuni tal-ġirasol (bil-Latin: *Helianthus annuus*) bħala qasab se jiżdied mal-Punt 7 tal-ispeċifikazzjoni. Il-ġirasoli komuni ilhom jintużaw bħala pjanti ta' sostenn għat-tkabbir tal-fażola li tixxeblek "Piękny Jaś" minn mindu l-fażola li tixxeblek bdiet tiġi kultivata għall-ewwel darba fil-wied ta' Dunajec. Dan il-metodu qed isir dejjem aktar popolari fost il-bdiewa minħabba l-effett ta' ekoloġizzazzjoni tiegħu u jsebbaħ il-pajsaġġ. Din l-informazzjoni ġiet inkluża bil-għan li jinkiseb status ta' DPO.

Barra minn hekk, id-data agronomika relatata mal-istandards taż-żrigħ taż-żerriegħa u l-wisa' tar-ringieli għall-kultivazzjoni tal-fażola ġew aġġornati fil-punt 7 tal-ispeċifikazzjoni tal-"fasola Piękny Jaś z Doliny Dunajca"/ "fasola z Doliny Dunajca". Dawn il-bidliet saru meħtieġa minħabba t-tibdil intensiv li sar fil-makkinarju tal-irziezet f'Małopolska matul l-aħħar ftit snin. It-tratturi moderni għandhom distanza akbar bejn il-fusien u tajers usa' mill-mudelli aktar antiki, u dan wassal għall-ħtieġa li jsir tibdil fl-istandards agrotekniċi.

L-emendi proposti ma għandhom l-ebda impatt fuq il-karatteristiċi distintivi tal-"fasola Piękny Jaś z Doliny Dunajca"/"fasola z Doliny Dunajca" indikati taħt il-punt 5.2 tad-dokument uniku jew fuq it-togħma karatteristika u ta' kwalità għolja tagħha, iżda jippermettu li l-produtturi li japplikaw l-istandards agrotekniċi attwali jingħataw protezzjoni tad-DPO.

DOKUMENT UNIKU

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 510/2006**

**dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel** [3]

**"FASOLA PIĘKNY JAŚ Z DOLINY DUNAJCA"/"FASOLA Z DOLINY DUNAJCA"**

**Nru tal-KE: PL-DPO-0105-01189 – 19.12.2013**

**IĠP ( ) DPO ( X )**

1. **Isem**

"Fasola Piękny Jaś z Doliny Dunajca"/"Fasola z Doliny Dunajca"

2. **Stat Membru jew Pajjiż Terz**

Il-Polonja

3. **Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu jew oġġett tal-ikel**

3.1. *Tip ta' prodott*

Klassi 1.6: - Frott, ħxejjex u ċereali, friski jew ipproċessati

3.2. *Deskrizzjoni tal-prodott li għalih japplika l-isem f'(1)*

Taħt l-isem "fasola Piękny Jaś z Doliny Dunajca"/"fasola z Doliny Dunajca" jistgħu jinbiegħu biss żrieragħ nixfin tal-fażola maħsuba għall-konsum mill-bniedem. Il-fażola hija fost l-akbar mill-ispeċi tal-*Phaseolus multiflorus*, jew *Phaseolus coccineus*.

Karatteristiċi fiżiċi:

— il-massa ta' elf żerriegħa tvarja minn 2 000 sa 2 800 g, skont il-kundizzjonijiet tal-ħamrija tal-pjantaġġun u l-kundizzjonijiet meteoroloġiċi matul il-perjodu tat-tkabbir;

[3] Sostitwit bir-Regolament (UE) Nru 1151/2012

— iż-żrieragħ huma b'saħħithom, misjurin, lixxi, żviluppati sew u mimlijin, f'għamla uniformi ta' kilwa, iċċattjati fil-ġenb u mingħajr impuritajiet jew ħsara kkawżata mill-insetti. Huma karatterizzati minn tegument ġerminali jleqq ta' lewn abjad uniformi. Għandhom riħa karatteristika ta' żrieragħ tal-fażola mnixxfa sew, mingħajr l-ebda riħa ta' moffa jew ebda rwejjaħ estranji oħra. Il-kontenut tal-umdità taż-żrieragħ ma jaqbiżx it-18 %. Għandhom togħma delikata, mhux qawwija u kemxejn ħelwa li hija karatteristika ta' din il-fażola.

Ir-rekwiżiti minimi li ġejjin japplikaw għall-fażola qabel ma tiġi ppakkjata:

— sa 0,1 %, żrieragħ miksurin;

— sa 0,1 %, żrieragħ nixfin;

— sa 2 %, varjetajiet oħra ta' żerriegħa bajda;

— sa 1 %, żrieragħ imlewna;

— sa 1 %, żrieragħ ta' kulur mhux uniformi;

— sa 0,3 %, partijiet ta' zkuk, imżiewed, weraq, injam, ippakkjar u żrieragħ mhux tossiċi ta' ħaxix ħażin;

— sa 0,2 %, impuritajiet minerali.

Il-fażola li ma tissodisfax ir-rekwiżiti ta' hawn fuq m'għandhiex taqbeż il-1,05 % tal-ammont totali.

Karatteristiċi kimiċi:

— proteina totali 20-24 %;

— xaħam mhux raffinat 1,0-2,5 %;

— fibra mhux raffinata 3,3-4,8 %;

— irmied 3,8-4,4 %.

3.3. *Materja prima (għall-prodotti pproċessati biss)*

—

3.4. *Għalf (għall-prodotti li ġejjin mill-annimali biss)*

—

3.5. *Passi speċifiċi tal-produzzjoni li għandhom iseħħu fiż-żona ġeografika identifikata*

Sabiex tiġi żgurata l-ogħla kwalità tal-prodott, kull pass fil-produzzjoni tal-"fasola Piękny Jaś z Doliny Dunajca"/ "fasola z Doliny Dunajca" għandu jseħħ fiż-żona ġeografika definita f'(4). Dan minħabba l-fatt li, fost affarijiet oħra, il-kundizzjonijiet naturali speċifiċi prevalenti f'din iż-żona huma favorevoli għall-kultivazzjoni tal-fażola. Barra minn hekk, il-proċess kollu tal-produzzjoni huwa bbażat fuq metodi li huma tradizzjonali għal dan ir-reġjun u ħafna mix-xogħol isir bl-idejn. Għal din ir-raġuni, il-ħiliet tal-produtturi lokali jilagħbu parti sinifikanti.

3.6. *Regoli speċifiċi dwar it-tqattigħ, it-taħkik, l-ippakkjar, eċċ.*

—

3.7. *Regoli speċifiċi dwar it-tikkettar*

—

## 4. Definizzjoni fil-qosor taż-żona ġeografika

Iż-żona tal-kultivazzjoni tal-"fasola Piękny Jaś z Doliny Dunajca" jew il-"fasola z Doliny Dunajca" tinkludi 11-il muniċipalità fil-wied tax-xmara Dunajec: Gródek nad Dunajcem (Kontea ta' Nowosądecki), Zakliczyn, Wojnicz, Wierzchosławice, Radłów, Wietrzychowice, Tarnów, Pleśna, Żabno (Kontea ta' Tarnowski), Czchów (Kontea ta' Brzeski) u Gręboszów (Kontea ta' Dąbrowski) f'Małopolskie Voivodship.

5. **Rabta maż-żona ġeografika**

5.1. *Speċifiċità taż-żona ġeografika*

Il-Wied ta' Dunajec kien iffurmat mix-Xmara Dunajec. Huwa karatterizzat minn topografija varjata. L-altitudni tal-art 'il fuq mil-livell tal-baħar tonqos gradwalment minn Gródek nad Dunajcem għal Wietrzychowice, li din tal-aħħar hija l-aktar muniċipalità baxxa fil-Wied ta' Dunajec. Il-parti ewlenija tal-pajsaġġ hija wied wiesa' mtarraġ, li jwassal mil-Lbiċ għall-Grigal. Il-kanal imserrep tax-xmara Dunajec, wiesa' bejn 50 u 150 m, huwa parzjalment regolat u mdawwar b'moll. Matulu hemm meded ta' blat li fuqhom hemm pjanura distinta tal-għargħar li tokkupa kważi l-qiegħ kollu tal-wied. Mases ta' arja mill-Artiku jgħaddu mill-wied lejn in-Nofsinhar u mases ta' arja sħuna jimxu lejn it-Tramuntana. Il-wied jintlaħaq ukoll minn riħ sħun u xott. Fir-rebbiegħa u l-ħarifa, iċ-ċpar ta' filgħodu jillimita l-bidliet f'daqqa fit-temperatura bejn il-jum u l-lejl. Il-forma karatteristika tal-Wied ta' Dunajec tikkawża wkoll influss ta' mases ta' arja sħuna fir-rebbiegħa u fis-sajf.

Il-pjantaġġuni tal-"fasola Piękny Jaś z Doliny Dunajca"/"fasola z Doliny Dunajca" jinsabu f'livell relattivament baxx, li jipproteġi lill-għelieqi mir-riħ. Il-ħamrija alluvjali mtajna li fuqha jinsabu hija favorevoli ħafna għal din l-ispeċi, kemm fir-rigward tal-kontenut minerali disponibbli u l-livell tal-pH, kif ukoll tal-volum u x-xejra ta' nżul ta' xita matul il-perjodu tat-tkabbir. Il-ħamrija tal-farms fil-Wied ta' Dunajec għandha kontenut għoli ħafna ta' manjeżju (12,2-15 mg għal kull 100 g ta' ħamrija).

Iż-żona ta' Tarnów, fiċ-ċentru tal-Wied ta' Dunajec, hija waħda mill-aktar sħan fil-Polonja. Id-dati li fihom it-temperatura medja tal-jum tilħaq limiti termali stabbiliti, jiġifieri > 0, > 5, > 10 u > 15 °C, huma vantaġġużi ħafna għall-Wied ta' Dunajec, u bosta drabi dawn it-temperaturi jinżlu iktar minn tnax-il jum qabel ma jinżlu f'reġjuni oħra fil-Polonja. Barra minn hekk, il-valuri medji multiannwali tat-temperatura tal-arja f'Tarnów huma ta' 0,8 °C ogħla milli fi Krakovja, xi 90 km 'il bogħod.

5.1.1. Fatturi umani

Il-ħiliet li huma indispensabbli għall-kultivazzjoni u l-ħsad ta' fażola bil-kwalitajiet it-tajba ġew ipperfezzjonati mill-bdiewa li kabbru l-"fasola Piękny Jaś z Doliny Dunajca"/"fasola z Doliny Dunajca" għal diversi ġenerazzjonijiet. Dawn li ġejjin huma partikolarment importanti: ir-riproduzzjoni taż-żerriegħa fl-azjenda stess tal-bidwi, l-għażla taż-żmien adattat għaż-żrigħ, biex b'hekk jiġi evitat it-telf li jista' jseħħ minħabba l-iffriżar, it-tħejjija tal-ħamrija għaż-żrigħ, it-tqegħid tal-għadd tajjeb ta' żrieragħ (3 sa 5) fil-ħofra individwali fil-ħamrija, l-għażla ta' qasab tajjeb u l-metodu li bih il-fażola sserraħ magħhom u l-għażla tal-aħjar mument għall-qtugħ tal-pjanti sabiex iż-żrieragħ jitħallew jinxfu qabel l-ewwel ġlata. Huwa biss l-immaniġġjar b'ħila tal-proċess kollu tal-produzzjoni li jista' jiżgura ħsad tajjeb u bbilanċjat tal-pjanta tal-fażola b'żerriegħa ta' kwalità għolja. Il-kultivazzjoni tal-fażola hija bbażata prinċipalment fuq xogħol manwali u teħtieġ attenzjoni konsiderevoli, dedikazzjoni u twettiq f'waqtu ta' kull biċċa xogħol skont il-kondizzjonijiet tat-temp fis-sena inkwistjoni.

5.2. *Speċifiċità tal-prodott*

Il-karatteristiċi distintivi tal-"fasola Piękny Jaś z Doliny Dunajca"/"fasola z Doliny Dunajca" huma dawn li ġejjin:

— kontenut ta' manjeżju (Mg): medja ta' 80 mg/kg ogħla milli fil-każ ta' fażola barra miż-żona ġeografika definita f'(4);

— kontenut ta' umdità: ma jaqbiżx it-18 %;

— togħma ħelwa: ikkonfermata b'valutazzjoni sensorjali fil-laboratorju;

— struttura u konsistenza: delikata, "tinħall f'ħalqek", kemm kemm imrammla;

— ħxuna tal-qoxra: ivvalutata bħala rqiqa permezz ta' valutazzjoni sensorjali fil-laboratorju;

— irtubija tal-qoxra: ivvalutata bħala ratba permezz ta' valutazzjoni sensorjali fil-laboratorju;

— ħin ta' sajran: 10 minuti anqas milli fil-każ ta' fażola barra miż-żona ġeografika definita f'(4).

5.3. *Rabta kawżali bejn iż-żona ġeografika u l-kwalità jew il-karatteristiċi tal-prodott (għad-DPO) jew kwalità speċifika, ir-reputazzjoni jew karatteristiċi oħra tal-prodott (għall-IĠP)*

Il-"Fasola Piękny Jaś z Doliny Dunajca"/"fasola z Doliny Dunajca" hija prodott li ħareġ esklussivament minħabba l-kombinazzjoni ta' sett speċifiku ta' fatturi naturali (jiġifieri l-klima u l-ħamrija) mal-ħiliet tal-produtturi lokali. Din il-kombinazzjoni biss tiżgura l-kwalità unika tal-prodott.

Il-kontenut għoli ta' manjeżju (Mg) tal-ħamrija fiż-żona fejn tiġi kultivata l-"fasola Piękny Jaś z Doliny Dunajca"/"fasola z Doliny Dunajca" iżid il-kontenut ta' dan l-element fiż-żrieragħ u, meta ż-żrieragħ jinqatgħu fiż-żmien adegwat, dan jgħin biex jagħti lill-prodott it-togħma ħelwa karatteristika tiegħu.

Il-ħamrija alluvjali mtajna għammiela u l-klima tal-Wied ta' Dunajec huma adattati għall-fażola u jipprovdu kundizzjonijiet tajbin ħafna għat-tkabbir u l-iżvilupp tagħha. Il-firxa tat-temperatura tal-arja matul il-perjodu tat-tkabbir u l-volum u x-xejra ta' nżul ta' xita huma ta' benefiċċju kbir għall-iżvilupp xieraq tal-"fasola Piękny Jaś z Doliny Dunajca"/"fasola z Doliny Dunajca" u għal rendiment tajjeb. Ir-rabta inseparabbli bejn dawn il-karatteristiċi ġeografiċi u l-ħiliet involuti fl-għażla taż-żmien xieraq għaż-żrigħ, it-tħejjija tal-ħamrija għaż-żrigħ, it-tqegħid tal-għadd tajjeb ta' żrieragħ fil-ħofor individwali fil-ħamrija u l-għażla tal-aħjar mument għall-qtugħ tal-pjanti jiżguraw rendiment abbundanti ta' fażola kbira. L-għażla tal-aħjar żmien biex jinqatgħu l-pjanti u li dawn jitħallew għat-tul ta' żmien xieraq fl-arja friska, flimkien mal-kundizzjonijiet atmosferiċi favorevoli, jipproduċu żrieragħ b'kontenut aktar baxx ta' umdità u tegument ġerminali irqaq minn ta' Phaseolus multiflorus li joriġina barra mill-Wied ta' Dunajec. L-issortjar manwali taż-żerriegħa jippermetti li jinżammu standards stretti ta' kwalità għaż-żrieragħ tal-"fasola Piękny Jaś z Doliny Dunajca"/"fasola z Doliny Dunajca".

It-tnixxif taż-żrieragħ b'mod naturali mingħajr ma l-proċess jiġi sfurzat jew mgħaġġel iwassal għal tnaqqis uniformi fl-ispazjar tal-kisja taċ-ċelloli mingħajr ma jikkawża degradazzjoni tal-kisja taċ-ċelloli. Dan it-trattament jiżgura li l-"fasola Piękny Jaś z Doliny Dunajca"/"fasola z Doliny Dunajca" tissajjar f'ħin qasir, ikollha struttura u konsistenza delikata u tegument ġerminali artab ħafna meta mqabbel maż-żrieragħ ta' Phaseolus multiflorus li joriġinaw barra miż-żona ġeografika definita f'(4).

**Referenza għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni**

(L-Artikolu 5(7) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006 [4])

http://www.minrol.gov.pl/pol/Jakosc-zywnosci/Produkty-regionalne-i-tradycyjne/Zlozone-wnioski-o-rejestracje-Produkty-regionalne-i-tradycyjne/OGLOSZENIE-MINISTRA-ROLNICTWA-I-ROZWOJU-WSI-z-dnia-25-pazdziernika-2013-roku2

---

([4]) Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 3.

ISSN 1977-0987 (elektronikus kiadás)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT